# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 48

Data tal-laqgħa: 1 ta' Frar, 2022

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tlieta, 1 ta' Frar 2022 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**48/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**48/01/01** Ma kienx hemm.

**48/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 47**

**48/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**48/02/02** **Para 47/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li CCTV camera għal Ġnien ta' Żagħruna ħa ssir din il-ġimgħa.

**48/02/03** **Para 47/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lill-kuntrattur fit-tabelli għal mal-*bollards.*

**48/02/04** **Para 47/02/04:** Is- Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-ground ta' Xwieki sal-lum ma smajna xejn.

**48/02/05** **Para 47/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**48/02/06** **Para 47/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Lands Authority biex nieħdu għelieqi abbandunati li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**48/02/07** **Para 47/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Inġinier ikkuntattja lil Planning Authority fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**48/02/08** **Para 47/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl irridu nistennew id-deċiżjoni tal-Planning Authority.

**48/02/09** **Para 47/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**48/02/10** **Para 47/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadha ma saritx.

**48/02/11** **Para 47/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**48/02/12** **Para 47/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**48/02/13** **Para 47/02/13:** Is-Sindku qalet li qeda f'kuntatt mal-Perit rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard*.

**48/02/14** **Para 47/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Sur Mark Azzopardi se jipprovdi l-informazzjoni għal *information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti.

**48/02/15** **Para 47/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella sabiex jipparkjaw l-exhaust pipe 'il barra ħdejn il-Każin tal-PN fi Triq il-Wiesgħa saret.

**48/02/16** **Para 47/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-Reġjun Tramuntana tana Automatic External Defibrillator (AED).

**48/02/17** **Para 47/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lill-kuntrattur fi tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi.

**48/02/18** **Para 47/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta biex issir bozza ġdida fi Sqaq tal-Ferħa.

**48/02/19** **Para 47/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex issir *sleeping police* fi Triq Santa Katerina.

**48/02/20** **Para 47/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tpoġġew żewġ bollards quddiem il-bieb ta' residenza fi Triq Fidiel Zarb.

**48/02/21** **Para 47/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għal *Architectural lighting* ħarġet illum.

**48/02/22** **Para 47/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lil Infrastructure Malta biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos u li huma talbuna *site plan*.

**48/02/23** **Para 47/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-injam ġdid biex ngħattu x-xelter għadu mhux lest.

**48/02/24** **Para 47/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* f'parti minn Triq Fra D. Mifsud għadhom ma sarux.

**48/02/25** **Para 47/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta biex issir bozza ġdida fi Triq Santa Katerina.

**48/02/26** **Para 47/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt għandna nirċievu €2000 mir-Reġjun Tramuntana Christmas Decorations Support Scheme.

**48/02/27** **Para 47/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq it-talba għal *culvert* fi Sqaq Warda għax qed iżomm l-ilma reġgħet kitbet lid-Dipartiment tad-Distretti.

**48/02/28** **Para 47/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat ma' Transport Malta għal *sleeping police* fi Triq in-Naxxar.

**48/02/29** **Para 47/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella tal-qtates għal Triq l-Isqof Gargallo għadha ma saritx.

**48/02/30** **Para 47/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta għadha ma approvatx *Keep Clear* quddiem rampa fi Vjal ir-Repubblika.

**48/02/31** **Para 47/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min-naħa ta' Transport Malta ma oġġezzjonawx biex jiżdied light oħra fit-triq sekondarja fi Triq il-Ġnien. Min talab li jiżdied light oħra fit-triq sekondarja ġie infurmat.

**48/02/32** **Para 47/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabelli biex javżaw li jista' jkun hemm *falling rocks* f' Għar San Brinkat saru.

**48/02/33** **Para 47/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ltaqgħet mal-Ing. Mario Galea fuq il-bozza ġdida fi Sqaq il-Qiegħed. Skont l-Ing. Galea diffiċli ħafna biex isir.

**48/02/34** **Para 47/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *cigarette bin* għal ħdejn Cent'Anni bar ordnat.

**48/02/35** **Para 47/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-*Reserved Parking Bay* ta' Triq Żagħruna tneħħa.

**48/02/36** **Para 47/03/01:** Il-Kunsill qabel li l-Attivita' tal-Karnival isir f'Mejju.

**48/02/37** **Para 47/05/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Recycling Points* tpoġġew fi Triq Giovanni Gafa'.

**48/02/38** **Para 47/05/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet *works order* għat-tiswija fuq is-serratura tal-bieba bil-ħsara tal-platform lift.

**48/02/39** **Para 47/05/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Reserved Parking Bay* ta' Triq Vendome tneħħa.

**48/02/40** **Para 47/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bgħatna l-applikazzjoni tal-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022.

**48/02/41** **Para 47/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għal sqaq fi Triq l-Indipendenza.

**48/02/42** **Para 47/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret *motor cycle bay* ġdida fi Triq il-31 ta' Marzu.

**48/02/43** **Para 47/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għal ħdejn il-Ġnien ta' Żagħruna.

**48/02/44** **Para 47/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*bollard* fi Triq Stiefnu Zerafa saret.

**48/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**48/03/01** Is-Sindku ipproponiet biex jinħoloq Sotto Kumitat tal-Kultura. Il-Kunsill qabel unanimament.

**48/03/02** Is-Sindku resqet talba għal *sleeping police* oħra fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill qabel li biex dik it-triq tkun sigura għall-persuni mexjin trid tingħalaq. Is-Segretarju Eżekuttiv diġà applikat ma' Transport Malta.

**48/03/03** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li llum saru 3 laqgħat waħda mal-President tar-Reġjun Lvant; Laqgħa mal-LYNC Co-op u Laqgħa ma' Sur Simon Aquilina mill-Għaqda Monument San Bartilmew.

**48/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**48/04/01** Ma kienx hemm.

**48/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**48/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 12 ta' Jannar 2022).

**48/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Malcolm Galea – Proposta għal Proġett Teatrali Professjonali fil-lokalità.

**48/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 19 ta' Jannar 2022).

**48/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 26 ta' Jannar 2022).

**48/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Enzo Cachia – PA 6203/08 *& funds associated with the Għargħur LC.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nirċievu tweġiba mis-sezzjoni tal-Finanzi relatata mal-Planning Gain.

**48/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Stephanie Spiteri – Illum ma' Steph.

**48/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Josianne Muscat – Ambjent Malta – Call for Applications – Local Council Urban Greening Scheme 2022.

**48/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Lianne Cassar – Ċir AKL 2022/019 – Il-Laqgħa Plenarja fl-4 u 5 ta' Marzu 2022.

**48/05/09** Fuq it-talba għal tabella *No heavy vehicles* fi Triq San Nikola. Il-Kunsill qabel unanimament.

**48/05/10** Fuq it-talba għal fake CCTV camera ħdejn is-Searchlight battery. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**48/05/11** Fuq it-talba għad-dawl fiż-żona ta' top of the world. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**48/05/12** Fuq it-talba għal dog bin fi Sqaq il-Mitħna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**48/05/13** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsiru żewġ ħnejjiet fi Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**48/05/14** Fuq it-talba għal *double yellow lines* f'Misraħ il-Knisja (in-naħa ta' Sqaq ir-Rużarju). Il-Kunsill qabel unanimament.

**48/05/15** Fuq it-talba għal tabella tal-qanfud fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel unanimament.

**48/05/16** Fuq it-talba għal *chess table* fil-Ġnien ta' top of the world. Il-Kunsill qabel li niltaqgħu miegħu.

**48/05/17** Fuq it-talba għal *double yellow lines* ħdejn garaxx fi Triq F. Duminku Mifsud. Il-Kunsill qabel unanimament.

**48/05/18** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ssir *zebra crossing* fi Triq S. Zerafa. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**48/06** **Ħruġ ta' Tender –** ***Tender for the professional service of an architect to the Ħal Gharghur Local Council***

**48/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet biex tinħareġ offerta għal servizz ta' perit. Il-Kunsill qabel unanimament.

**48/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**48/07/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**48/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**48/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 23 ta' Marzu 2022 fil-5:30p.m.

*( firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**